Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 193/2012/1

**Frank Spiteri (I.D. 255006L)**

**vs**

**Director General (Inland Revenue)**

L-Erbgha, 23 ta' Marzu 2016.

Permezz ta' rikors preżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Frank Spiteri, issa appellant, talbu jħassar Stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Huwa ppremetta li akkwista proprjeta` u l-valur iddikjarat fil-kuntratt kien veritjer. B'danakollu rċieva stima ogħla mingħand l-intimat, kontra liema huwa ppreżenta avviż ta' oġġezzjoni u fir-rigward ta' liema l-intimat bagħtlu avviż ta' rifjut. Frank Spiteri kien informa lill-intimat li r-residenza ewlenija tiegħu hija barra minn Malta iżda minkejja dan l-intimat ħalla l-avviż ta' rifjut ma' ċertu Richard O'Connell li mhux awtorizzat jilqa' notifika ta' dokumenti f'isem l-esponent, mhux prokuratur tiegħu, mhux fis-servizz tiegħu, mhux membru tal-familja tiegħu u l-anqas huwa awtorizzat jirċievi l-posta tiegħu. Għalhekk l-avviż ta' rifjut huwa null għax ma ġiex notifkat skont Art. 187 tal-Kap 12 dwar in-notifiki u l-mod kif ġie interpretat għall-fini tal-liġi fiskali fil-kawża fl-ismijiet Ivan Hallet v Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Sussegwentement l-intimat ħareġ titolu eżekuttiv billi ħalla d-dokumenti mal-imsemmi O' Connell. Għalhekk it-titolu eżekuttiv vantat huwa rregolari u l-istima u perizija rilevanti ma nħarġux 'properly', 'reasonably' u 'fairly'.

Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxi Nterni wieġeb li d-deċiżjoni tiegħu u l-likwidazzjoni kienu ġusti u saru skont il-liġi.

B'deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2014, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva iddikjara li f'dak l-istadju ma kellux il-kompetenza li jisma` u jiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrent u astjena milli jkompli jieħu konjizzjoni tal-każ.

**Fatti**.

1. B'att tan-Nutar Remigio Zammit Pace tat-18.02.2008 ir-rikorrent xtara post fil-Birgu bil-prezz ta' €34,940.60.
2. Fis-26.05.2008 il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ stima ta' €81,000 u t-taxxa addizzjonali relattiva. Frank Spiteri oġġezzjona b'ittri tal-07.07.2009 u 08.12.2009.
3. L-istima ġiet ridotta għal €58,000 iżda xorta waħda l-oġġezzjoni ġiet miċħuda.
4. Ġie ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal lokali fit-termini tal-art. 61(1) tal-Kap364 b'riferenza għall-istima.

5. Fis-07.11.2011 inħarġet *Demand Note* skont Artikolu 60A tal-istess liġi li wkoll ġiet ippubblikata fit-termini tal-art. 61(1). Imbagħad fit-22.02.2012 inħarġet ittra uffiċċjali skont Art. 60A tal-istess Kap, li giet notifikata f'idejn Rick O'Connell fi-09.05.2012.
6. Fl-14.06.2012 Frank Spiteri intavola proċeduri quddiem it-Tribunal.

**<u>Sentenza tat-Tribunal tal-20 ta' Jannar 2014</u>**.

It-Tribunal qajjem *ex officio* l-eccezzjoni ta' kompetenza. Fil-qosor, il-motivi għad-deċiżjoni tiegħu huma kif ġej:

1. Skont Artiklu 60, meta l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas ikun ġie stabbilit wara oġġezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif stabbilita wara oġġezzjoni jew appell, skont il-każ, tkun finali u konkluživa (Art 60), u titqies bħala titolu eżekuttiv (Art. 60A). Jekk taxxa u, jew taxxa addizzjonali u, jew imgħax ma titħallasx, il-Kummissarju għandu jinnotifika **nota ta' talba** lill-persuna responsabbli għall-ħlas, u jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jinforza l-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi wara jumejn min-notifika ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula permezz ta' att ġudizzjarju (Art.60A(2)).

2. L-azzjonijiet kollha għall-ġbir ta' kull taxxa li għandha titħallas u ta' kull penali mwaħħla taħt dan l-Att, jittieħdu mill-Kummissarju quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 60A għandhom japplikaw dwar dik il-penali jew taxxa.

3. Ġaladarba l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni jipproċedi quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili biex jinforza t-titolu tiegħu kontra min iħallas it-taxxa, it-*taxpayer* jista' jikkontesta l-validita` tat-titolu eżekuttiv biss quddiem dik il-Qorti u mhux quddiem xi Qorti jew Tribunal ieħor. B'mod partikolari, it-Tribunal mhux kompetenti f'din il-materja. Il-kompetenza tiegħu, kif inkwadrata mill-Art. 57(1) tal-Kap 364, hija li jisma' appelli skont l-Art. 58 u ċjoe` ta' kull persuna illi tħoss ruħha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas. Fi kliem ieħor it-Tribunal huwa kompetenti li jitratta appelli dwar stejjem maħruġin mill-Kummissarju qabel ma dawn isiru finali u konklussivi skont il-liġi u allura qabel ma l-Kummissarju jikseb titolu eżekuttiv mill-Qorti.

4. Għalkemm l-iskop aħħari ta' Frank Spiteri hu t-tħassir tal-istima, hu qiegħed jikkontesta l-validita` tat-titolu eżekuttiv billi jippretendi li n-Nota ta' Rifjut u l-Istima ma ġewx notifikati lilu skont il-liġi u allura l-forum kompetenti huwa l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li quddiemha ġiet ippreżentata l-ittra uffiċċjali. Apparti l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi fuq punti ta' liġi u ta' fatt, it-Tribunal huwa "*kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferuti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġa` qiegħed jieħu*

*konjizzjoni ta' dik it-tilwima"* (art 7, Kap 490, Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva).

5. Huwa biss wara l-eventwali dikjarazzjoni ta' nullita` tan-notifiki tal-Avviż ta' Rifjut, l-Istima konsegwenzjali, u tat-titolu eżekuttiv li t-Tribunal ikun kompetenti jisma' appell skont Art. 58 tal-Kap 364.

6. It-Tribunal ma qabilx ma' dak li qal Frank Spiteri waqt is-sottomissjonijiet orali fis-sens li jekk it-Tribunal jiddeklina l-kompetenza huwa kien sejjer jisfa' mingħajr rimedju. It-tħassir tal-Avviż ta' Rifjut u l-Istima kienu jpoġġu kollox fl-i*status quo ante* bil-possibilita` li Frank Spiteri seta` jappella quddiem it-Tribunal.

**<u>Appell ta' Frank Spiteri</u>**.

Permezz tar-rikors tal-appell preżentat fit-3 ta' Frar 2014, Frank Spiteri ippropona żewġ aggravji:-

1. It-Tribunal interpreta ħażin l-avviż promotur. Il-fatt li huwa għamel riferenza gall-kwistjoni tat-titolu eżekuttiv ma bidilx in-natura tar-rikors promotur. Huwa *"qatt m'eċċepixxa n-nullita"* u talab biss appell mill-istima.
2. It-Tribunal ċaħħdu mid-dritt għar-rimedju effettiv. Minflok iċċensura l-mod irregolari kif aġixxa l-Kummissarju, ikkonkluda li l-appellant kien messu mexa mod ieħor. Kieku mexa b'dan il-mod, in vista ta' ġurisprudenza riċenti, kien hemm probabilita` qawwija li kien jinkorri f'sensiela ta' azzjonijiet tardivi u improponibbli.

**<u>Tweġiba tal-Kummissarju tat-Taxxi</u>**.

Ma kienx hemm miżinterpretazzjoni tar-rikors promotur, u t-Tribunal mhux talli ma ċaħħadx lil Frank Spiteri min xi rimedju imma saħansitra iggwidaħ dwar x'kellu jagħmel biex jikseb dan ir-rimedju.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

Fir-rikors promotur quddiem it-Tribunal, it-talba kienet biex *"iħassar u jirrevoka l-imsemmija stima"*. Talba li saret *"għar-raġunijiet premessi"*, li kienu (i) li l-prezz dikjarat fil-kuntratt ta' xiri kien veru (ii) **li n-notifika tal-avviż tar-rifjut ma ħarġitx skont il-liġi u konsegwentement** (iii) **it-titolu eżekuttiv vantat huwa rregolari**. Huwa fatt li l-portata ta' domanda ġudizzjarja tittieħed tenut kont tal-premessi li jwasslu għaliha. F'dan il-każ, Frank Spiteri talab it-tħassir tal-istima mhux biss fuq il-mertu imma wkoll minħabba n-nullita` tan-notifika tal-avviż ta' rifjut u konsegwentement in-nullita` tat-titolu eżekuttiv. Materja li bilfors trid tiġi nvestigata meta tqies li l-

Kummissarju beda l-proċess biex jirkupra l-flus li jsostni li huma dovuti mill-appellant, tant li ppreżenta ittra ufficjali skond l-Artikolu 60A tal-Kap. 364[1].

In kwantu l-appellant jilmenta li l-prezz minnu ddikjarat fil-kuntratt ta' akkwist huwa veritjer, dan ċertament jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal (Artikolu 58 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364).

Skond il-ligi, appell quddiem it-Tribunal isir ghall-istharrig tal-likwidazzjoni li jkun ghamel id-Kummissarju tat-Taxxi tat-Taxxi (Artikolu 58). Appell li jrid isir fi zmien *"tletin ġurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju"*. L-għan wara appell m'għandux ikun biex jigi kkontestat il-validita tat-titolu eżekuttiv. Fir-realta' li kieku t-Tribunal kellu jistħarreġ il-materja dwar jekk in-notifika tal-avviż ta' rifjut kinitx regolari u jiddeċiedi li ma kinitx, bil-konsegwenza li l-likwidazzjoni ma tkunx finali u konklussiva skont l-Artikolu 60 u ghalhekk ma tkunx titolu ezekuttiv, ikun ifisser li għadu ma bediex jiddekorri t-terminu sabiex l-appellant jappella mil-likwidazzjoni. Il-konsegwenza ta' dan tkun li l-appell fuq il-likwidazzjoni ikun intempestiv ġialadarba appell irid isir fi żmien tletin ġurnata **mid-data tan-notifika tal-avviż ta' rifjut** (Artikolu 58).

Mill-atti hu evidenti li d-Dipartiment isostni li l-likwidazzjoni saret titolu eżekuttiv, tant li ppreżenta l-ittra uffiċjali kontemplata fl-Artikolu 60A tal-Kap. 364. Ifisser li min-naħa tal-Kummissarju beda l-proċess sabiex jiġbor il-kreditu li għandu kontra Spiteri fir-rigward ta' liema *prima facie* jidher li hu titolu ezekuttiv. L-ewwel pass qabel jintalab il-ħruġ ta' atti eżekuttivi. Hu ċar li ġialadarba l-appellant qiegħed isostni li ma jeżistix titolu eżekuttiv għaliex l-avviż ta' rifjut ma ġiex notifikat lilu kif titlob il-liġi, mela li jrid jipproponi proċeduri biex jottjeni dikjarazzjoni fejn jitlob dikjarazzjoni li:-

i. In-notifika tal-avviż ta' rifjut ma saritx jew jekk saret hi nulla;
ii. Konsegwentement il-likwidazzjoni tal-Kummissarju m'hijiex titolu ezekuttiv.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, dan hu ripetizzjoni ta' dak li l-appellant issottometta quddiem it-Tribunal. Din il-Qorti ma tistax tara kif, *"kieku mexa b'dan il-mod, in vista ta' ġurisprudenza riċenti kien hemm probabilita` qawwija li kien jinkorri f'sensiela ta' azzjonijiet tardivi u improponibbli"* (ara rikors tal-appell). Jekk qorti tiddikjara li n-notifika tal-avviz ta' rifjut hi nulla, ifisser li l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-posizzjoni li kien qabel in-notifika tal-avviż ta' rifjut, f'liema stadju jkun għadu jista' jappella quddiem it-Tribunal mil-likwidazzjoni, u dan fi żmien 30 jum minn meta jiġi notifikat bl-avviż ta' rifjut.

---

[1] *"Jekk taxxa u jew taxxa addizzjonali u, jew imghax ma tithallasx kif preskritt f'dan l-Att, il-Kummissarju għandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna responsabbli ghall-ħlas, u jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jinforza l-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1), wara jumejn min-notifika ta' intimazzjoni ghall-ħlas magħmula permezz ta' att ġudizzjarju".*

**Għaldaqstant tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul